MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.
CAROL PERALTA**

Seduta tad-19 ta' Lulju, 2012

Numru. 299/2009

**PULIZIJA
SPETTUR KEVIN J. FARRUGIA**

**VS**

**MASSIMO DRAGO**

**Il-Qorti:**

Rat l-akkuza migjuba kontra l-imsemmi Massimo Drago detentur tal-karta tal-identita` numru 00229171M.

**Akkuzat talli:**

Nhar it-28 ta` April 2008 ghall-habta tas-19:30hrs, gewwa Drive-In fi Triq il-Lampara, Bahar ic-Caghaq, limiti tan-Naxxar u f'dawn il-gzejjer Maltin ikkaguna feriti ta` natura gravi fuq il-persuna ta` Raymond Vella, li ghandu numru tal-Karta tal-Identita` 00103163(M);

U aktar talli sar ricediv b'sentenza/i tal-Qorti liema sentenza/I saret/saru definittivi u ma tistax/jistghux tigi/jigu mibdula.

Il-Qorti giet gentilment mitluba sabiex tipprovdi ghas-sigurta` tal-persuna ta` Raymond Vell bil-kundizzjoni li jidhrilha xieraq u dan ai terminu tal-Artikolu 383 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta` Malta et sequitur.

Rat id-dokumenti esibiti;

Semghet il-provi mressqa;

Wara li rat l-Artikoli 214, 215, 216 (1) (a) (b) (c) (d) (2), 218 (1) (a) (2), 31 u 533 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta` Malta.

**Ikkunsidrat:**

Illi l-Qorti semghet lil Raymond Vella illi xehed dwar l-incident. Din ix-xhieda hija wkoll kkonfermata mill-mara tieghu li lahqet nizlet fil-garaxx immedjatament matul l-incident fejn rat kollox. Zewg punitirilevanti max-xhieda ta` Raymond Vella huwa illi:

1) Il-ferita dmet xahar sabiex tfieq u wara xahar ezattament, huwa mar lura ix-xoghol u;

2) illi dan l-istess xhud kien gie liberat minn akkuza koncernanti dan l-istess incident mill-Qorti tal-Magistrati. Din ukoll tirrizulta mix-xhieda tas-Sup. Stephen Gatt. Illi jirrizulta mix-xhieda ta` Patrick Huhn, illi Raymond Vella sofra ferita ta` natura gravi illi tikkonsisti, primarjament, fi

ksur tal-imnieher u cioe` fracture illi ddum iktar minn sitt gimghat biex tfieq. Gie pprezentat certifikat mediku. Izda, min-naha l-ohra, ix-xhieda ta` Dr. Sonia Abela hija wkoll rilevanti stante illi hija tesprimi d-dubbji taghha dwar jekk, verament, kien hemm frattura. Dr. Horace Gatt, izda, jikkonferma l-ezistenza ta` din il-frattura.

Saret il-prova tar-ricediva peress illi giet esibita s-sentenza relattiva.

Rat ir-rinunzja ghall-procedura kriminali minn Raymond Vella.

Peress illi din il-Qorti m'hiex konvinta illi l-ferita li giet sofferta minn Raymond Vella kienet ta` natura gravi stante illi

1) Raymond Vella mar lura ghax-xoghol wara xahar biss illi gie rikoverat;

2) Ix-xhieda ta` Dr. Sonia Abela;

hija tal-fehma illi l-ferita kienet wahda ta` natura hafifa.

Mill-provi prodotta, din il-Qorti hija konvinta illi kemm l-imputat illi aggredixxa lil Raymond Vella u kkagunalu feriti ta` natura hafifa u qieghdha tobbligah illi ma jdejjaqx jew jimmolesta lil Raymond Vella ghal ebda raguni kwalsijasi.

Wara li hadet in konsiderazzjoni l-mahfra ta` Raymond Vella, din il-Qorti qieghdha tilliberah bil-kundizzjoni li ma jikkommettix reat iehor ghall-zmien sena (1) mil-llum a tenur tal-Artikolu 22 tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta` Malta.

Din il-Qorti spjegat il-portata ta` din is-sentenza lill-imputat.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------